**Parlament Ewropew**
2024-2029

*Dokument ta' sessjoni*

**A10-0026/2024**

5.12.2024

*****I**

# RAPPORT

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2020/2220 fir-rigward ta' miżuri speċifiċi skont il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) biex tingħata assistenza addizzjonali lill-Istati Membri affettwati minn diżastri naturali
(COM(2024)0495 – C10-0148/2024 – 2024/0274(COD))

Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

Rapporteur: Veronika Vrecionová

(Proċedura simplifikata – l-Artikolu 52(1) tar-Regoli ta' Proċedura)



*Magħquda fid-diversità*

PR_COD_1app

## *Tifsira tas-simboli użati*

| | |
|---|---|
| * | Proċedura ta' konsultazzjoni |
| *** | Proċedura ta' approvazzjoni |
| ***I | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari) |
| ***II | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari) |
| ***III | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari) |

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi ġuridika proposta mill-abbozz ta' att.)

## *Emendi għal abbozz ta' att*

**Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni**

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

**Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat**

Il-partijiet ġodda tat-test huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa.*** Il-partijiet imħassra tat-test huma indikati permezz tas-simbolu ▌ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni tintwera billi jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** t-test il-ġdid u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit.
Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

## WERREJ

**Paġna**

ABBOZZ TA’ RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW ..........5

ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊEVIET KONTRIBUT MINGĦANDHOM ..........6

VALUTAZZJONI BAĠITARJA MAĦRUĠA MILL-KUMITAT GĦALL-BAĠITS ..........7

ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR GĦAL VALUTAZZJONI BAĠITARJA RĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM ..........11

PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JOĦROĠ VALUTAZZJONI BAĠITARJA ..........12

VOTAZZJONI FINALI B’SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JOĦROĠ VALUTAZZJONI BAĠITARJA ..........13

PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI ..........14

VOTAZZJONI FINALI B’SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI ..........15

# ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2020/2220 fir-rigward ta' miżuri speċifiċi skont il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) biex tingħata assistenza addizzjonali lill-Istati Membri affettwati minn diżastri naturali**
**(COM(2024)0495 – C10-0148/2024 – 2024/0274(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

*Il-Parlament Ewropew*,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2024)0495),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 43(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C10-0148/2024),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-valutazzjoni baġitarja maħruġa mill-Kumitat għall-Baġits,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[1],

– wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[2],

– wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz ta' ittra tal-11 ta' Novembru 2024, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 60 u l-Artikolu 58 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali (A10-0026/2024),

1. Jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari billi jinkorpora l-proposta tal-Kummissjoni;

2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

[1] Opinjoni tal-4 ta' Diċembru 2024 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
[2] Opinjoni tal-21 ta' Novembru 2024 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

22.11.2024

## ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊEVIET KONTRIBUT MINGĦANDHOM

Ir-rapporteur tiddikjara, taħt ir-responsabbiltà esklużiva tagħha, li ma rċeviet l-ebda kontribut minn entità jew persuna li jrid jissemma f'dan l-Anness f'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura.

## VALUTAZZJONI BAĠITARJA MAĦRUĠA MILL-KUMITAT GĦALL-BAĠITS

għall-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2020/2220 fir-rigward ta' miżuri speċifiċi skont il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) biex tingħata assistenza addizzjonali lill-Istati Membri affettwati minn diżastri naturali
(COM(2024)0495 – C10-0148/2024 – 2024/0274(COD))

Rapporteur għal valutazzjoni baġitarja: Hélder Sousa Silva
Bis-saħħa tal-Artikolu 58 tar-Regoli ta' Proċedura, il-Kumitat għall-Baġits ħareġ valutazzjoni baġitarja tal-proposta u kkonkluda dan li ġej:

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni[1],

– wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027[2],

– wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda[3],

A. billi d-diżastri naturali reċenti fl-UE marbuta mat-tibdil fil-klima kellhom effett devastanti fuq il-popolazzjonijiet rurali li jgħixu u jaħdmu fir-reġjuni kkonċernati, u qerdu ammont konsiderevoli ta' potenzjal ta' produzzjoni agrikola u forestali, u b'riżultat wasslu għal telf sinifikanti ta' introjtu għall-bdiewa, id-detenturi ta' foresti u n-negozji rurali f'dawk ir-reġjuni, filwaqt li aggravaw il-vulnerabbiltajiet fis-sistema tal-ikel Ewropea bħala konsegwenza ta' dawn id-diżastri u joħolqu riskju għas-sigurtà tal-ikel fl-UE u għad-disponibbiltà ta' prodotti tradizzjonali;

B. billi l-valutazzjoni baġitarja teżamina l-impatt immedjat kif ukoll l-implikazzjonijiet aktar indiretti ta' inizjattiva jew proposta leġiżlattiva minn perspettiva baġitarja;

C. billi skont ir-Regoli ta' Proċedura, il-valutazzjoni baġitarja għandha teżamina jekk il-proposta għal att legalment vinkolanti tipprevedix biżżejjed riżorsi finanzjarji u umani, u għandha tevalwa l-impatt potenzjali tal-finanzjament propost fuq programmi jew politiki oħra tal-Unjoni; billi l-valutazzjoni baġitarja għandha tiddetermina wkoll jekk il-proposta hijiex kompatibbli mal-qafas finanzjarju pluriennali, is-sistema tar-riżorsi proprji u l-ftehim interistituzzjonali korrispondenti, kif ukoll il-prinċipji baġitarji stabbiliti fir-

[1] ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj.
[2] ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 11, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2020/2093/oj.
[3] ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 28, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2020/1222/oj.

Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[4];

D. billi l-Parlament jistinka biex jallinja l-kompetenzi leġiżlattivi u baġitarji tiegħu sabiex isaħħaħ ir-rwol istituzzjonali tiegħu fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet;

E. billi l-Parlament talab u appoġġja inizjattivi preċedenti biex tissaħħaħ il-kapaċità ta' rispons għall-kriżijiet tal-baġit tal-UE billi jiġu mmodifikati l-kriterji ta' eliġibbiltà fid-dawl tal-għoti ta' użu ġdid lill-allokazzjonijiet taħt fondi b'ġestjoni kondiviża; billi kien mifhum li tali modifiki m'għandux ikollhom impatt fuq il-preallokazzjonijiet nazzjonali tal-fondi tal-politika ta' koeżjoni u tal-politika agrikola komuni;

F. billi parti mill-impenji tal-programmi operazzjonali tal-FAEŻR, inklużi dawk iffinanzjati mid-dħul assenjat fl-ambitu tal-iskema ta' self tal-Istrument Ewropew għall-Irkupru, huma mifruxa fuq 10 Stati Membri, u minn Ottubru 2024, jinsabu f'riskju ta' diżimpenn skont ir-regola N+3 tal-qafas legali applikabbli tal-FAEŻR għall-perjodu 2014-2022;

G. billi l-emenda leġiżlattiva hija maħsuba biex tippermetti aktar flessibbiltà baġitarja fir-riallokazzjoni tal-finanzjament għal miżuri ġodda fl-ambitu tal-FAEŻR, sabiex tipprovdi assistenza mmirata addizzjonali u flessibbiltà lill-Istati Membri milquta mid-diżastri naturali li seħħew mill-1 ta' Jannar 2024;

H. billi l-iskop ewlieni tar-regolament emendatorju huwa li jgħin lill-bdiewa, lid-detenturi tal-foresti u lil SMEs speċifiċi l-aktar milquta minn diżastri naturali billi jipprovdi likwidità mmirata, inkluż fil-forma ta' pagamenti ta' somma f'daqqa sa EUR 42 000 għal kull benefiċjarju;

1. Jinnota li l-Kummissjoni ssostni li l-proposta hija ġeneralment newtrali mil-lat baġitarju f'termini ta' impenji; josserva, madankollu, sensiela ta' implikazzjonijiet baġitarji;

2. Ifakkar li l-Parlament talab ripetutament għal aktar riżorsi għall-Fond ta' Solidarjetà tal-UE, fid-dawl tal-għadd u l-intensità dejjem akbar ta' diżastri naturali u l-ħtieġa li jitħaffu u jiġu simplifikati l-proċeduri sabiex l-appoġġ jilħaq lill-Istati Membri u lir-reġjuni milquta minn diżastri naturali aktar malajr; jenfasizza l-ħtieġa ta' simplifikazzjoni amministrattiva sabiex ikun possibbli l-użu rapidu tal-fondi u l-użu ta' somom f'daqqa għall-bdiewa, dawk li jipproduċu prodotti tradizzjonali, il-forestiera u l-SMEs;

3. Ifakkar li l-Parlament ripetutament ikkritika l-użu tal-finanzjament ippjanat preċedentement bħala għodda ta' rispons ta' emerġenza u jsostni li dan l-approċċ jissogra li jdgħajjef l-objettivi ta' politika u ta' investiment fuq medda ta' żmien itwal kif stabbilit fil-qafas legali tal-FAEŻR; jirrikonoxxi, madankollu, li din il-proposta toffri soluzzjoni prammatika għall-indirizzar tal-insuffiċjenza tal-flessibbiltà baġitarja u tal-kapaċità ta' rispons għall-kriżijiet fil-baġit tal-UE, sabiex tipprovdi rispons rapidu għall-ħtiġijiet tal-popolazzjonijiet milquta;

4. Jirrikonoxxi li, fil-kuntest tal-użu bil-mod tal-fondi għall-iżvilupp rurali f'ċerti Stati Membri u ta' rati ta' implimentazzjoni ta' inqas minn 75 % f'diversi linji, il-miżuri ta' flessibbiltà jistgħu jiġu ġġustifikati;

[4] ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj.

5. Jiddispjaċih li ma hemm l-ebda dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva, u lanqas ma hemm referenza fl-Ittra Emendatorja 1/2025 kumparabbli mad-dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva annessa mal-proposta RESTORE[5], li tiċċara u tikkwantifika l-implikazzjonijiet għall-profil ta' pagament; ifakkar li dan għandu konsegwenzi diretti għall-kontribuzzjonijiet nazzjonali tal-Istati Membri għall-baġit tal-UE; jitlob li l-Kummissjoni tipprovdi tali informazzjoni;

6. Jilqa' l-appoġġ finanzjarju tanġibbli lill-bdiewa, inklużi bdiewa żgħar u b'introjtu baxx u dawk li jipproduċu prodotti tradizzjonali, detenturi tal-foresti u SMEs li huma vittmi ta' diżastri naturali bħal għargħar qawwi, nixfiet u nirien fis-selvaġġ, bħala espressjoni konkreta tas-solidarjetà Ewropea; jirrikonoxxi l-ħtieġa li jiġi indirizzat b'ħeffa it-telf ta' introjtu li l-bdiewa, id-detenturi tal-foresti u l-SMEs attivi fl-ipproċessar, il-kummerċjalizzazzjoni jew l-iżvilupp ta' prodotti agrikoli u tal-forestrija fl-UE qed iħabbtu wiċċhom magħhom minħabba diżastri devastanti reċenti relatati mal-klima; jilqa' l-fatt li l-appoġġ finanzjarju pprovdut permezz ta' din il-proposta għandu jipprijoritizza l-miżuri ta' appoġġ ibbażati fuq il-prinċipju ta' "bini mill-ġdid aħjar", u jwitti t-triq għal appoġġ tal-UE aktar komprensiv u preventiv għat-trawwim tal-preparatezza u r-reżiljenza fiż-żoni rurali tal-UE; jenfasizza l-ħtieġa ta' appoġġ finanzjarju addizzjonali għall-agrikoltura ta' sussistenza, għall-bdiewa b'introjtu baxx u għal dawk li jipproduċu prodotti tradizzjonali; jenfasizza li finanzjament addizzjonali għaż-żoni rurali jista' jsir disponibbli taħt il-Mekkaniżmu tal-UE għall-Protezzjoni Ċivili tal-baġit annwali tal-UE għall-2025;

7. Ifakkar fl-osservazzjoni ġenerali li, għall-biċċa l-kbira tat-tipi ta' finanzjament tal-UE fil-forma ta' għotjiet, rata ta' kofinanzjament tal-UE ta' 100 %, filwaqt li tagħti riżultati effettivi, tqajjem mistoqsijiet f'termini ta' ammonti disponibbli globali iżgħar għall-implimentazzjoni tal-politiki u tal-programmi kif ukoll f'termini ta' sjieda nazzjonali, reġjonali u lokali; jinsab konvint, madankollu, li f'każijiet ta' għajnuna f'każ ta' diżastru u l-ħtieġa ta' appoġġ urġenti ta' likwidità, dan huwa ġustifikabbli b'mod eminenti; jenfasizza l-ħtieġa li jiġu kkonsultati l-bdiewa, il-forestiera, l-SMEs u l-partijiet ikkonċernati milquta sabiex jiġi pprovdut appoġġ realistiku u mmirat;

8. Ifakkar li tnaqqis volontarju tal-livell limitu ta' nonrigressjoni jista' jirriżulta f'livell aktar baxx ta' nefqa eliġibbli biex jinqata' mill-"miri tal-integrazzjoni" pertinenti tal-prijoritajiet orizzontali tal-baġit tal-UE, filwaqt li jirrikonoxxi l-ħtieġa ta' tali flessibbiltajiet sabiex il-finanzjament jiġi riallokat għall-miżura l-ġdida u s-submiżura eżistenti għar-restawr tal-potenzjal tal-produzzjoni agrikola, b'mod partikolari b'mod li jsaħħaħ ir-reżiljenza;

9. Josserva li skop sekondarju tal-miżura huwa l-prevenzjoni ta' diżimpenji imminenti ta' impenji baġitarji li saru fis-snin 2021 u 2022 li għadhom mhux ikkunsmati; iqis li dan għandu konsegwenzi għal-livell ta' disponibbiltajiet skont il-Pass 3a tal-mekkaniżmu ta' Kaskata (kompartiment ta' diżimpenn tal-Istrument Speċjali EURI) li huwa ankrat fir-regolament tal-qafas finanzjarju plurijennali rivedut reċentement;

10. Iqis li, fuq medda ta' żmien itwal, flessibbiltà baġitarja aktar żviluppata u ġenwina

[5] Proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2024 bit-titolu "RESTORE – Appoġġ Reġjonali ta' Emerġenza għar-Rikostruzzjoni li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1058 u r-Regolament (UE) 2021/1057 (COM(2024)0496).

għandha tippermetti, f'każijiet kumparabbli, li jsiru trasferimenti baġitarji sabiex il-flus jintużaw taħt strument ta' nfiq apposta b'linja baġitarja, bażi legali u qafas ta' governanza li huma aktar adattati għal rispons f'każ ta' emerġenza u appoġġ ta' likwidità;

11. Jikkonkludi li l-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2020/2220 fir-rigward ta' miżuri speċifiċi skont il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) biex tingħata assistenza addizzjonali lill-Istati Membri affettwati minn diżastri naturali hija kompatibbli mal-elementi msemmija fl-Artikolu 58(3) tar-Regoli ta' Proċedura.

## ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR GĦAL VALUTAZZJONI BAĠITARJA RĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM

Ir-rapporteur għal valutazzjoni baġitarja jiddikjara, taħt ir-responsabbiltà esklużiva tiegħu, li ma rċieva l-ebda kontribut minn entità jew persuna li jrid jissemma f'dan l-Anness f'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura.

## PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JOĦROĠ VALUTAZZJONI BAĠITARJA

| | |
|---|---|
| **Titolu** | Miżuri speċifiċi skont il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) biex tingħata assistenza addizzjonali lill-Istati Membri affettwati minn diżastri naturali |
| **Referenzi** | COM(2024)0495 – C10-0148/2024 – 2024/0274(COD) |
| **Kumitat(i) responsabbli** | AGRI |
| Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | BUDG<br>13.11.2024 |
| **Rapporteur għal valutazzjoni baġitarja**<br>Data tal-ħatra | Hélder Sousa<br>Silva<br>13.11.2024 |
| **Diskussa fil-kumitat** | 21.11.2024 |
| **Data tal-adozzjoni** | 21.11.2024 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 31<br>–: 0<br>0: 0 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Georgios Aftias, Isabel Benjumea Benjumea, Tomasz Buczek, Tamás Deutsch, Angéline Furet, Thomas Geisel, Jean-Marc Germain, Sandra Gómez López, Fabienne Keller, Janusz Lewandowski, Giuseppe Lupo, Ignazio Roberto Marino, Fernando Navarrete Rojas, Matjaž Nemec, Danuše Nerudová, Ruggero Razza, Bogdan Rzońca, Hélder Sousa Silva, Nicolae Ştefănuță, Joachim Streit, Carla Tavares, Nils Ušakovs, Auke Zijlstra |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Moritz Körner, Tiago Moreira de Sá |
| **Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Christophe Bay, Udo Bullmann, Andrzej Buła, Gheorghe Falcă, Ştefan Muşoiu, Jan-Christoph Oetjen |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JOĦROĠ VALUTAZZJONI BAĠITARJA

| 31 | + |
|---|---|
| ECR | Ruggero Razza, Bogdan Rzońca |
| NI | Thomas Geisel |
| PPE | Georgios Aftias, Isabel Benjumea Benjumea, Andrzej Buła, Gheorghe Falcă, Janusz Lewandowski, Fernando Navarrete Rojas, Danuše Nerudová, Hélder Sousa Silva |
| PfE | Christophe Bay, Tomasz Buczek, Tamás Deutsch, Angéline Furet, Tiago Moreira de Sá, Auke Zijlstra |
| Renew | Fabienne Keller, Moritz Körner, Jan-Christoph Oetjen, Joachim Streit |
| S&D | Udo Bullmann, Jean-Marc Germain, Sandra Gómez López, Giuseppe Lupo, Ştefan Muşoiu, Matjaž Nemec, Carla Tavares, Nils Ušakovs |
| Verts/ALE | Ignazio Roberto Marino, Nicolae Ştefănuță |

| 0 | - |
|---|---|
| | |

| 0 | 0 |
|---|---|
| | |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni

## PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI

| | |
|---|---|
| **Titolu** | Miżuri speċifiċi skont il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) biex tingħata assistenza addizzjonali lill-Istati Membri affettwati minn diżastri naturali |
| **Referenzi** | COM(2024)0495 – C10-0148/2024 – 2024/0274(COD) |
| **Data meta ġiet ippreżentata lill-PE** | 21.10.2024 |
| **Kumitat(i) responsabbli** | AGRI |
| **Rapporteurs**<br>Data tal-ħatra | Veronika<br>Vrecionová<br>19.11.2024 |
| **Data tal-adozzjoni** | 3.12.2024 |
| | BUDG<br>21.11.2024 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 40<br>–: 0<br>0: 0 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Stefano Bonaccini, Mireia Borrás Pabón, Barry Cowen, Carmen Crespo Díaz, Ivan David, Salvatore De Meo, Paulo Do Nascimento Cabral, Herbert Dorfmann, Sebastian Everding, Luke Ming Flanagan, Maria Grapini, Krzysztof Hetman, Céline Imart, Stefan Köhler, Camilla Laureti, Cristina Maestre, Dario Nardella, Maria Noichl, Gilles Pennelle, André Rodrigues, Katarína Roth Neveďalová, Bert-Jan Ruissen, Arash Saeidi, Eric Sargiacomo, Christine Singer, Raffaele Stancanelli, Anna Strolenberg, Jessika Van Leeuwen, Veronika Vrecionová, Thomas Waitz, Maria Walsh |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Benoit Cassart, David Cormand, Vilis Krištopans, Luis-Vicențiu Lazarus, Tilly Metz, Jessica Polfjärd, Christine Schneider, Emma Wiesner |
| **Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Vasile Dîncu |
| **Data tat-tressiq** | 5.12.2024 |

## VOTAZZJONI FINALI B’SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI

| 40 | + |
|---|---|
| ECR | Bert-Jan Ruissen, Veronika Vrecionová |
| ESN | Ivan David |
| NI | Luis-Vicențiu Lazarus, Katarína Roth Neveďalová |
| PPE | Carmen Crespo Díaz, Salvatore De Meo, Paulo Do Nascimento Cabral, Herbert Dorfmann, Krzysztof Hetman, Céline Imart, Stefan Köhler, Jessica Polfjärd, Christine Schneider, Jessika Van Leeuwen, Maria Walsh |
| PfE | Mireia Borrás Pabón, Vilis Krištopans, Gilles Pennelle, Raffaele Stancanelli |
| Renew | Benoit Cassart, Barry Cowen, Christine Singer, Emma Wiesner |
| S&D | Stefano Bonaccini, Vasile Dîncu, Maria Grapini, Camilla Laureti, Cristina Maestre, Dario Nardella, Maria Noichl, André Rodrigues, Eric Sargiacomo |
| The Left | Sebastian Everding, Luke Ming Flanagan, Arash Saeidi |
| Verts/ALE | David Cormand, Tilly Metz, Anna Strolenberg, Thomas Waitz |

| 0 | - |
|---|---|
| | |

| 0 | 0 |
|---|---|
| | |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni